THE ENERGY & WATER AGENCY

# PARIRI GĦAL TNAQQIS FIL-KONSUM TAD-DAWL U L-ILMA

Agħfas fuq il-kmamar u fuq il-buttuni relatati biex issir taf iktar


1
2
3
4
5
6
7
8
9
A+++

# PARIRI GĦAL TNAQQIS FIL-KONSUM TAD-DAWL U L-ILMA

Agħfas fuq il-kmamar u fuq il-buttuni relatati biex issir taf iktar

## 1 - Pannelli Fotovoltajċi

- Il-wiċċ għandu jinżamm nadif sabiex tiżgura li jaħdmu bl-aqwa mod
- Agħmel l-aqwa użu mid-dell li joħolqu l-pannelli, speċjalment fix-xhur tas-sajf
- Iddiskuti l-bżonnijiet tekniċi tiegħek ma' espert jew supplier tal-fiduċja tiegħek u bbenefika minn skemi ta' sapport finanzjarju li qed tingħata meta tixtri Pannelli Fotovoltajċi: ***https://www.rews.org.mt/#/en/rewspal/137***

## 2 - Solar Water Heaters

- Iddiskuti l-bżonnijiet speċifiċi u tekniċi ma' espert tal-fiduċja tiegħek
- Agħmel użu mill-iskemi finanzjarji disponibbli: ***https://www.rews.org.mt/#/en/rewspal/137***

## 3 - Bejt

- Applika reflective paint
- Ikkunsidra l-possibbiltà li tapplika thermal insulation
- Agħmel użu mill-iskemi finanzjarji disponibbli: ***https://www.rews.org.mt/#/en/rewspal/137***

## 4 - Bibien esterni

- Waħħal weather stripping mad-dawra tal-bibien biex tevita li jkun hemm leaks tal-arja

## 5 - Strumenti esterni għad-dell

- Installa apparat li jagħmel id-dell mal-ħitan u twieqi li huma esposti għax-xemx
- Uża apparat orizzontali fuq dawk il-faċċati li jħarsu lejn in-nofsinhar, u apparat vertikali fuq faċċati li jħarsu lejn il-Lvant u l-Punent

## 6 - Il-Ġnien

- Uża ilma riċiklat biex issaqqi l-ġnien tiegħek
- Ixtri pjanti li jikkunsmaw inqas enerġija u jirrikjedu inqas irrigazzjoni

## 7 - Bir

- Ara li għandek il-konnessjonijiet neċessarji biex tuża l-ilma tal-bir għat-tisqija tal-pjanti u l-flushings
- Agħmel użu mill-iskemi finanzjarji disponibbli biex tirrestawra l-bir tad-dar tiegħek: ***https://www.rews.org.mt/#/en/rewspal/137***

## 8 - Żjarat fid-djar

- Ċempel fuq 22292575 sabiex tagħmel appuntament għal żjara f'darek b'xejn biex tingħata pariri speċifiċi għad-dar tiegħek

## 9 - Tikketta tal-Enerġija

- Dejjem iċċekkja t-tikketta tal-enerġija qabel tixtri apparat domestiku sabiex tiżgura li jkunu effiċjenti fl-enerġija

# Kamra tal-Istudju




**1 - Plakka tad-dawl** - Tħallix l-apparat fuq standby iżda itfih meta ma jkunx qed jintuża

**2 - Kompjuter** - Itfa' l-kompjuter fuq hybernate meta ma jkunx qed jintuża għal ħin qasir, u itfih meta ma jkunx qed jintuża fit-tul; Il-monitors għandhom jintfew meta ma jkunux qed jintużaw; Printers u magni tal-ikkopjar għandhom jinxtegħlu biss meta hemm bżonnhom; Laptops jikkunsmaw mat-80% inqas enerġija minn kompjuters tradizzjonali tal-istess tip

**3 - Dwal** - Itfi d-dwal hekk kif toħroġ mill-kamra; Ħalli l-bozoz ħielsa minn kull trab; Agħmel użu minn reflectors u task lighting biex iddawwal fejn l-iktar teħtieġ; Agħżel bozoz bl-iktar wattage baxx biex iddawwal il-post; Agħżel il-luminożità t-tajba u l-kulur preferut; Ibdel il-bozoz ma' oħrajn iktar effiċjenti fl-enerġija bħal LED

**4 - Twieqi** - Ikkunsidra li twaħħal solar films mal-aperturi eżistenti ta' barra; Ara li jekk tinstalla sistemi ta' glazing, dawn ikunu ħġieġ low-e, li jimminimizza l-kondensazzjoni u t-telf tas-sħana; Jekk tkun se tinstalla aperturi ġodda, ikkunsidra aperturi double glazing biex iżżid l-effiċjenza fl-enerġija u tkun tista' tibbenefika minn skemi ta' sapport finanzjarju: *https://www.rews.org.mt/#/en/rewspal/137*

**5 - Dawl Naturali** - Ippożizzjona l-għamara sabiex tagħmel l-aħjar użu mid-dawl naturali; Żomm il-purtieri miftuħin biex jidħol id-dawl naturali

# Kamra tas-sodda




**1 - Dehumidifiers** - Żommhom 'il bogħod minn ħitan u għamara sabiex tiċċirkola l-arja liberament; It-twieqi tal-madwar għandhom jinżammu magħluqa meta jkun mixgħul; Ixtri d-dehumidifier addattat għall-ispazju tiegħek; Uża l-ilma ġġenerat mid-dehumidifier għall-flushing jew għat-tisqija tal-pjanti

**2 - Dwal** - Itfi d-dwal hekk kif toħroġ mill-kamra; Ħalli l-bozoz ħielsa minn kull trab; Agħmel użu minn reflectors u task lighting biex iddawwal fejn l-iktar teħtieġ; Agħżel bozoz bl-iktar wattage baxx biex iddawwal il-post; Agħżel il-luminożità t-tajba u l-kulur preferut; Ibdel il-bozoz ma' oħrajn iktar effiċjenti fl-enerġija bħal LED

**3 - Kompjuter** - Itfa' l-kompjuter fuq hybernate meta ma jkunx qed jintuża għal ħin qasir, u itfih meta ma jkunx qed jintuża fit-tul; Il-monitors għandhom jintfew meta ma jkunux qed jintużawl; Printers u magni tal-ikkopjar għandhom jinxtegħlu biss meta hemm bżonnhom; Laptops jikkunsmaw mat-80% inqas enerġija minn kompjuters tradizzjonali tal-istess tip

**Żur il-websajt interattiva:** https://energyefficiencymalta.com

# Kamra tas-sodda




**1 - Dwal** - Itfi d-dwal hekk kif toħroġ mill-kamra; Ħalli l-bozoz ħielsa minn kull trab; Agħmel użu minn reflectors u task lighting biex iddawwal fejn l-iktar teħtieġ; Agħżel bozoz bl-iktar wattage baxx biex iddawwal il-post; Agħżel il-luminożità t-tajba u l-kulur preferut; Ibdel il-bozoz ma' oħrajn iktar effiċjenti fl-enerġija bħal LED

**2 - Air Conditioner** - Agħżel it-temperatura li għandek bżonn. Jekk tagħżel temperatura ogħla jew iktar baxxa, mhux se tilħaq it-temperatura iktar malajr; Jekk tuża fann flimkien mal-AC tkun qed iżżid il-frisk iġġenerat; Agħmel manutenzjoni u sewwi xi ħsarat meta jkun hemm bżonn; Ibdel ACs antiki ma' oħrajn ġodda bl-inverter, meta dawn ikunu qed jintużaw għal ħin twil; Meta tkun qed tixtri AC ġdid, qis li tixtrih ta' daqs addattat għall-ispazju li trid tkessaħ; Qis li tagħlaq l-aperturi kollha tal-kamra meta tkun qed tużah; Iġbor l-ilma li jipproduċi l-AC u użah għat-tisqija jew għall-flushing

**3 - Wall Insulation** - Ikkunsidra l-installazzjoni ta' insulazzjoni termali (thermal insulation) mal-ħitan ta' barra

# Kamra tal-banju




**1 - Doċċa** - Kull meta jkun possibbli, agħżel doċċa minflok banju u uża shower heads li huma effiċjenti fl-użu tal-ilma; Sakemm tkun qed tistenna l-ilma jisħon, poġġi barmil fid-doċċa biex tiġbor l-ilma u dan jista' jintuża għall-flushing jew għat-tisqija

**2 - Water Heater** - Tħallix l-ilma nieżel għalxejn; Installa l-water heater qrib ix-xawer u l-viti sabiex ma jkunx hemm ħela ta' ilma kiesaħ fil-pajpijiet; Żomm it-temperatura fuq dik ideali ta' 60°C; Ibdel water heaters ineffiċjenti u agħżel solar water heater jew air to water heat pump, u agħmel użu minn skemi finanzjarji disponibbli: *https://www.rews.org.mt/#/en/rewspal/137*

**3 - Flushing** - Poġġi flixkun ilma ta' litru fit-tank tas-sistemi single flush biex tnaqqas il-volum ta' ilma użat; Fejn hu possibbli, installa sistema ta' dual flush biex tuża ilma skont il-bżonn;  Tużax it-toilet biex tarmi l-iskart

**4 - Vit** - Fejn hu possibbli, installa vit single lever biex tkun tista' titfil-ilma faċilment waqt li qed togħrok idejk; Agħlaq il-vit waqt li tkun qed taħsel snienek u uża tazza biex tlaħlaħ ħalqek; Tista' tinstalla wkoll aerator mal-vit biex iżżid l-effiċjenza waqt li żżomm fluss tajjeb tal-ilma

**Żur il-websajt interattiva:** https://energyefficiencymalta.com

# Kamra tal-Ħasil




**1 - Washing Machine** - Ħaddem il-magna meta jkollok load sħiħa, fejn hu possibbli; Aħsel bl-ilma kiesaħ u ħu vantaġġ minn deterġenti moderni, però agħmel ħasla bl-ilma sħun kultant żmien sabiex tnaddaf il-magna; Itfi l-magna tal-ħasil minn mal-plakka meta ma tkunx qed tużaha biex tevita li tkun fuq standby; Agħżel il-ħwejjeġ skont il-kulur jew materjal sabiex tuża ċiklu tal-ħasil iktar effiċjenti ; meta tkun qed tixtri magna tal-ħasil ġdida, agħżel dawk li jkunu effiċjenti fl-użu tal-ilma u l-enerġija permezz tat-tabelli tal-effiċjenza

**2 - Tumble Dryer** - Nixxef il-ħwejjeġ billi tonxorhom minflok tuża tumble dryer, fejn hu possibbli; Timliex it-tumble dryer iktar milli suppost; Uża dryer balls biex tnaqqas il-ħin li jdumu biex jinxfu l-ħwejjeġ b’25%; Uża filters tat-tnietex biex tevita li l-magna taħdem iżżejjed

# Salott




**1 - TV** - Itfi t-televixin minn mal-plakka minflok tħallih fuq standby meta ma jkunx qed jintuża; Naqqas il-luminosità (brightness) żejda meta ma jkunx hemm bżonnha; Is-skrins LED huma l-iktar teknoloġija effiċjenti

**2 - Air Conditioner** - Agħżel it-temperatura li għandek bżonn. Jekk tagħżel temperatura ogħla jew iktar baxxa mhux se tlaħħaq it-temperatura iktar malajr; Jekk tuża fann flimkien mal-AC tkun qed iżżid il-frisk iġġenerat; Agħmel manutenzjoni u sewwi xi ħsarat meta jkun hemm bżonn; Ibdel ACs antiki ma' oħrajn ġodda bl-inverter, meta dawn ikunu qed jintużaw għal ħin twil; Meta tkun qed tixtri AC ġdid, qis li tixtrih ta' daqs addattat għall-ispazju li trid tkessaħ ; Qis li tagħlaq l-aperturi kollha tal-kamra meta tkun qed tużah; Iġbor l-ilma li jipproduċi l-AC u użah għat-tisqija jew għall-flushing

**Żur il-websajt interattiva:** https://energyefficiencymalta.com

**3 - Dwal** - Itfi d-dwal hekk kif toħroġ mill-kamra; Ħalli l-bozoz ħielsa minn kull trab; Agħmel użu minn reflectors u task lighting biex iddawwal fejn l-iktar teħtieġ; Agħżel bozoz bl-iktar wattage baxx biex iddawwal il-post; Agħżel il-luminożità t-tajba u l-kulur preferut; Ibdel il-bozoz ma' oħrajn iktar effiċjenti fl-enerġija bħal LED

# Kċina




**1 - Kitla** - Għalli biss l-ammont ta' ilma li għandek bżonn; Ixtri kitla tad-daqs addattat għall-bżonnijiet tiegħek.

**2 - Microwave** - ġeneralment jikkonsma inqas enerġija minn forn konvenzjonali

**3 - Dishwasher** - Uża d-dishwasher meta tkun mimlija; Uża l-programmi fast u eco wash fejn ikun possibbli; Uża temperatura iktar baxxa u ħu vantaġġ minn deterġenti moderni

**4 - Vit** - Aħsel frott u ħaxix fi skutella bl-ilma minflok taħt l-ilma nieżel; Meta tgħalli l-ikel, uża l-inqas ammont possibbli ta' ilma; Evita li tuża l-ilma biex iddewweb ikel friżat; Installa aerator mal-vit biex iżżid l-effiċjenza waqt li xorta żżomm fluss tajjeb

**5 - Hob** - Żomm il-borom mgħottijin sabiex iżżomm is-sħana ġewwa; Baxxi n-nar ġaladarba tintlaħaq it-temperatura; Uża steamer biex issajjar il-ħaxix sabiex timmassimizza l-ammont ta' prodotti msajra fl-istess ħin

**6 - Oven** - Tiftaħx il-bibien bla bżonn; Uża l-ispazju tal-forn kollu u ippożizzjona t-tilari b'mod strateġiku; Agħti preferenza lil tilari taċ-ċeramika minflok tal-ħadid; Żomm il-forn nadif; Ibdel il-forn antik ma' mudelli ġodda b'iktar effiċjenza

**7 - Friża** - Żomm 'il bogħod minn sorsi ta' sħana bħal forn, hob jew anke xemx; Ara li tkun maqlugħa 'l barra minn mal-ħitan sabiex l-arja tkun tista' tiċċirkola u taħrab is-sħana; Kessaħ l-ikel sħun qabel ma tiffriżah; It-temperatura għandha tkun madwar -15°C

**8 - Friġġ** - Żomm it-temperatura f'madwar 3-4°C; Tħallix il-bieba miftuħa għal ħin twil; Kessaħ ikel sħun qabel ma tpoġġih fil-friġġ; Dewweb l-ikel friżat fil-friġġ u jkun ta' benefiċċju kemm għall-friġġ u l-ikel




**1 - Kundizzjoni tal-karozza** - Agħmel check-up tal-magna b'mod regolari; Iċċekkja l-pressjoni tat-tires minn tal-inqas darba fix-xahar; Uża barmil u sponża biex taħsel il-karozza. Evita li tuża l-pajp, biex tiffranka l-ilma

**Ippjana l-vjaġġ** - Suq bl-inqas ammont ta' tagħbija possibbli; Għaqqad ċertu qadi sabiex tuża inqas fuel

**Drawwiet tas-sewqan -** Antiċipa s-sewqan sabiex tevita aċċelerazzjoni bla bżonn, u tuża l-gears adattati; Żomm veloċità stabbli u kemm jista' jkun, evita veloċità għolja; Suq b'għaqal – evita li tirrevvja bla bżonn, tħalli l-magna mixgħula għalxejn, eċċ.

**2 - Trasport ieħor** - Ikkunsidra tuża rota, trasport pubbliku jew mixi sabiex tasal fid-destinazzjoni tiegħek

**3 - Garaxx** - Itfi d-dwal li tkun xgħelt meta titlaq mill-kamra; Tista' tinstalla sensor biex tiffranka d-dawl meta l-garaxx ma jkunx qed jintuża

**Żur il-websajt interattiva:** https://energyefficiencymalta.com